Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru 1078/2012

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Noel Tagne Tagoumpo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' passaport Kameruniz numru 945245, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Ottubru 2012 jew fil-jiem ta' qabel;

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li mhux delitt taht l-Att dwar l-Istampa, specifikament sabiex jikkommetti r-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi kkontemplat fl-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.


Qrati tal-Gustizzja

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus Ewro falsifikati, meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza mal-presentata jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-flus falsifikati fil-pussess tal-imputat jirrizultaw ‘icto occuli’. Isegwi allura mhux biss bl-ammissjoni tal-imputat li anka l-ewwel akkuza tirrizulta.

L-ammissjoni hija volontarja u inkondizjonata.

Tiddikjarah hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9 u l-Artikolu 45 u 46 tal-Kap 204.

Tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u tordna li l-flus falsifikati jinghataw lill-Bank Centrali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------